**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**
**GHAWDEX**

**Onorevoli Mhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum, l-Erbgha, 5 ta' Mejju, 2021**

**Appell numru: 5/2020/1**

**Wara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri**
**bl-Avviz numru: 5/2020BS datata 15 ta' Jannar, 2021**

**L-Avukat Georgine Schembri u b'digriet tal-10 ta' Marzu, 2021**
**kunjom ir-rikorrenti gie korrett ghal dak ta' Grech**

**vs**

**Registratur tal-Qrati u Tribunali ta' Ghawdex;**
**U ghal kull interess li jista' jkollhom**

**L-Avukat Carmelo Galea ghan-nom ta' l-imsiefra Jennifer DeHoog;**

**Margarita Muscat;**

**Saviour Portelli u Antonia Portelli**

**Wara l-atti tac-citazzjoni numru 96/1990(BS) fl-ismijiet**

**Saviour Portelli et noe**

**vs.**

**Dr. Paul Coppini noe**

**Il-Qorti,**

1. Illi permezz ta' rikors ta' l-appell l-intimati appellanti Saviour u Antonia konjugi Portelli fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi ta' l-inabilitata Rosalinda Portelli u Antonia Portelli bhala mandatarja verbali ta' l-eredi tal-mejta Margarita Muscat, kif ukoll, b'rikors ta' l-appell l-intimat appellant ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali ta' Ghawdex appellaw minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri tal-15 ta' Jannar, 2021 li permezz taghha l-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet ta' l-intimati, laqghet l-ewwel talba tar-rikorrenti l-Avukat Dottor Georgine Grech u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba billi hija alternattiva ghall-ewwel wahda. Bl-ispejjez kollha tal-procediment jithallsu unikament u esklussivament mill-konvenut Registratur tal-Qrati u Tribunali ta' Ghawdex.

2. Illi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Gurisdizzjoni taghha Inferjuri waslet ghad-decizjoni taghha kif isegwi:

> '**Rat l-avviz datat 27 ta' Frar 2020 fejn ir-rikorrenti** esponiet illi fis-6 ta' Frar 2020, fuq struzzjonijiet tad-Direttur Generali, giet riveduta amministrattivament it-Taxxa ufficjali tad-drittijiet dovuti lill-esponenti Avukat Georgine Schembri ghall-attrici fl-atti ta' din il-kawza, fejn id-drittijiet dovuti lilha gew likwidati fl-ammont totali ta' Eur1,464.47.
>
> Illi fil-fehma ta' l-esponenti, din inhadmet b'mod zbaljat u ghalhekk hija tixtieq timpunja din it-taxxa fit-termini tal-artikolu 64 tal-Kap. 12, u dan ghaliex din it-taxxa hija bbazata fuq kunsiderazzjonijiet zbaljati.
>
> Il-fatti li wasslu ghal dan l-istat ta' fatt huma s-segwenti:
>
> Illi din il-kawza giet intavolata mill-mejjet Saviour Portelli u f'dak l-istadju kien preparalu l-kawza l-Avukat Anton Refalo.

Sussegwentement, Saviour Portelli kien biddel l-Avukat tieghu bil-mibki l-Avukat Michael Grech.

Illi fl-ahhar tliet snin qabel il-mewt tieghu, l-Avukat Grech kien waqqaf ufficcju legali bl-isem "Grech and Grech Associates" li fih bhala Avukati kien hemm l-istess Avukat Michael Grech, u s-sottoskritta, li dakinhar kellha kunjom xbubitha ta' Grech: Av. Georgine Grech.

Illi mal-mewt ta' l-Avukat Michael Grech, l-Avukata sottoskritta kompliet tmexxi l-ufficcju legali "Grech and Grech Associates", u kompliet ukoll tmexxi l-kawzi kollha ghan-nom ta' l-istess ufficcju legali li precedentement kienu patrocinati mill-Avukat Michael Grech.

Illi biex hija kompliet tmexxi l-kawzi tieghu, l-ebda drittijiet ma gew intaxxati bhala pagabbli lill-Avukat Michael Grech, jew l-eredi tieghu, ghaliex ovvjament il-kawzi komplew jitmexxew mill-istess ufficcju legali tieghu.

Illi l-affarijiet fil-kawza in kwistjoni pprocedew bl-istess mod.

Illi l-esponenti kompliet tmexxi l-kawza f'isem Saviour Portelli, u wara l-mewt tieghu, f'isem l-eredi nominata minnu u cioe' Carmen Portelli.

Illi f'certu punt, il-kuraturi ta' bint Saviour Portelli, Rosalinda Portelli, rebhu proceduri li fihom attakkaw it-testment ta' l-istess Saviour Portelli, u dana bil-konsegwenza li l-eredi tieghu saret Rosalinda Portelli. F'dan il-punt, l-Avukat Mario Scerri qabad u beda jidher fil-kawza fuq imsemmija ghan-nom ta' Rosalinda Portelli minghajr ma ntalab ir-'release' ta' l-Avukata sottoskritta.

Kien ghalhekk li l-esponenti talbet biex tinhadem taxxa ufficjali biex tithallas id-drittijiet taghha.

Illi permezz ta' verbal milhuq fit-8 ta' Jannar 2019, kien gie determinat li l-valur li kellha tinhadem it-taxxa fuqu, u cioe' il-valur ta' sehem Saviour Portelli, mill-wirt in kwistjoni, huwa ta' Eur300,000.

Illi sussegwentement, harget taxxa fil-15 ta' Jannar 2019, li abbazi taghha l-esponenti kellha tithallas dritt ta' Eur2,751.52, oltre VAT (Dok. A).

Illi wara li harget din it-taxxa, l-esponenti baghtet numru ta' ittri li fihom talbet il-hlas relattiv izda ma semghet l-ebda kontestazzjoni dwarhom, sa hlief ricentement.

Illi kien fil-fatt f'risposta tad-9 ta' Jannar 2020, u cioe' sena wara, li rrizulta li din it-taxxa kienet qed tigi kontestata.

Illi sussegwentement, minghajr ma saru xi tip ta' proceduri kwalsiasi ta' kontestazzjoni, u minghajr ma' l-esponenti giet konsultata, harget taxxa ohra fil-31 ta' Jannar 2020, fejn din id-darba t-taxxa gdida harget fl-ammont ta' Eur2,646.94 (Dok. B).

Illi fis-6 ta' Frar 2020, regghet harget taxxa ohra riveduta li din id-darba giet dikjarata li giet riveduta amministrattivament wara struzzjonijiet mid-Direttur Generali, u din id-darba d-drittijiet dovuti lill-esponenti gew ridotti ulterjorment ghal Eur1,464.47 (Dok. C).

Illi s'issa m'huwiex car lill-esponenti ghalfejn u b'liema proceduri, it-taxxa ufficjali in kwistjoni giet riveduta ghal darba, darbtejn. Illi inoltre ghalkemm stharget, l-esponenti ghadha s'issa ma tafx fuq liema bazi, skont kif dikjarat l-ahhar taxxa, hija nghatat terz tad-dritt shih.

Illi certament, din it-taxxa hija zbaljata u skorretta u bbazata fuq qari u nterpretazzjoni hziena tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 12 applikabbli ghal dan il-kaz.

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti tikkontesta l-fatt kif minkejja li wara li harget it-taxxa ufficjali tal-15 ta' Jannar 2019, hadd ma ha proceduri biex ikkontesta l-istess taxxa, u ghaddiet sahansitra kwazi sena mill-hrug ta' l-istess taxxa, f'daqqa wahda, il-Qorti regghet qabdet u harget taxxa ufficjali gdida fil-31 ta' Jannar 2020, fejn id-drittijiet taghha gew ridotti. Illi mbaghad il-Qorti regghet qabdet u rrevediet din l-istess taxxa fis-6 ta' Frar 2020 - fejn din id-darba ddikjarat li kienet qed tirrevediha fuq ordni tad-Direttur.

Illi allura wiehed jistaqsi fuq liema bazi u fuq ordni ta' min, it-taxxa ufficjali giet riveduta wara li ghaddiet sena mill-hrug ta' l-ewwel taxxa. U kif imbaghad ghal darb'ohra regghet giet riveduta fuq ordni tad-Direttur.

Illi safejn taf l-esponenti, taxxi ufficjali jistghu biss jigu attakkati u mibdula a tenur ta' l-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u a tenur ta' l-istess ligi dawn ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar minn meta tkun inharget l-istess taxxa. Ghaldaqstant, l-esponenti tissottometti li t-taxxa ufficjali applikabbli ghandha tibqa' dik inizjalment mahruga fil-15 ta' Jannar 2019, (i) billi din ma gietx kontestata entro t-terminu provdut bil-ligi; u (ii) fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, peress li meta giet mibdula, ghal darba darbtejn, ma kienu saru l-ebda proceduri ta' kontestazzjoni biex din tigi mibdula.

Illi konsegwentement, l-esponenti tissottometti li dak kollu li sar, sar kontra l-procedura, u ghalhekk ghandha tibqa' fis-sehh l-ewwel taxxa mahruga fil-15 ta' Jannar 2019.

2. Illi mbaghad fir-rigward ta' din it-taxxa tas-6 ta' Frar 2020 li qed tigi kkontestata, l-esponenti staqsiet jekk ghall-fini ta' din it-taxxa ufficjali hija tqisitx bhala t-tieni jew it-tielet avukat, u dana peress li ghall-fini ta' taxxa hemm distinzjoni bejn tali. Fil-fatt l-artikolu 34 tat-Tariffa E ta' l-iskeda A tal-Kap. 12 jipprovdi li:

"Id-dritt dovut lill-Avukat li jkun imqabbad wara li l-ewwel wiehed ikun abbandunat mill-klijent jew wara li l-Ewwel Avukat ikun abbanduna lill-klijent

qabel ma tigi deciza l-kawza jkun daqs id-differenza bejn id-dritt shih u d-dritt intaxxat mill-ewwel Avukat. Id-dritt li ghandu jithallas lit-tielet Avukat jew Avukat iehor li jigi wara, ghandu dejjem ikun terz tad-dritt shih."

Illi fil-fehma taghha, peress li t-tieni Avukat fl-atti ta' din il-kawza kien l-Avukat Michael Grech, li l-esponenti dahlet fiz-zarbun tieghu peress li si tratta mill-istess ufficcju legali, id-drittijiet taghha kellhom jigu kkalkulati abbazi tar-rati applikabbi ghat-tieni Avukat.

Kwindi, id-drittijiet taghha ma setghux jigu kkalkulati bhala terz tad-dritt shih, hekk kif gie kkalkulat fit-taxxa ufficjali li qed tigi attakkata, izda l-ezercizzju li kellu jsir kien li jigi kkalkulat id-dritt shih, u mbaghad ikun jispetta lill-klijent li juri x'kien id-dritt li kien intaxxa mill-Ewwel Avukat, halli mbaghad tithallas id-differenza bejn iz-zewg ammonti.

Illi fil-kaz tat-tieni avukat ma jistax jinghad li d-drittijiet spettanti lill-Avukat huma ta' terz tad-dritt shih, ghaliex altrimenti l-ligi kienet tghid dan bic-car, bhalma tistipula dan fir-rigward tat-tielet Avukat jew l-Avukat iehor li jigi wara.

Illi f'dan il-kaz, iktar u iktar ma jistax jitqies li d-dritt dovut lill-esponenti huwa ta' terz minn dak shih, peress li d-drittijiet dovuti lill-Avukat Anton Refalo inhadmu fit-taxxa ufficjali mahruga fis-7 ta' Ottubru 1993, fejn id-drittijiet tieghu gew kalkulati fuq valur totali ta' Lm8,000. It-taxxa ntaxxata fir-rigward tieghu giet kalkulata fl-ammont ta' Lm157. Ghalhekk se mai, ghandu jinhadem dritt shih abbazi tal-valur ta' Eur300,000 hekk kif ordnat fil-verbal tat-8 ta' Jannar 2019, u minnu jitnaqqas l-ammont ta' Lm157, intaxxat fir-rigward ta' l-Avukat Anton Refalo. Tkun id-differenza rizultanti li tirraprezenta d-drittijiet dovuti lill esponenti; u mhux dak ta' terz likwidat fir-rigward ta' l-esponenti.

Illi ghalhekk minghajr dubju, id-differenza bejn dritt shih u l-ammont intaxxat mill-Ewwel Avukat se jkun ferm izjed minn terz tad-dritt shih, hekk kif ikkalkulat mid-Direttur.

Illi meta l-esponenti kkontestat mad-Direttur il-fatt li d-dritt intaxxat fir-rigward taghha kien ta' terz, id-Direttur irrispondietha li dan kellu jkun ta' terz ta' dritt shih, sew jekk hija kienet titqies bhala t-tieni u anki bhala t-tielet Avukat, izda kif gie spjegat, dan hija konkluzjoni skorretta fir-rigward ta' dak li jirrizulta li jkun it-tieni Avukat (email anness bhala Dok. D).

3. Illi jekk min-naha l-ohra, jekk ghall-fini ta' dritt ta' l-esponenti fit-taxxa tas-6 ta' Frar 2020, hija giet ikkunsidrata bhala t-tielet Avukat, dana kien skorrett ghall-ahhar u dana peress li kif gia' gie spjegat, l-esponenti sempliciment issotwiet lill-Avukat Michael Grech li mieghu kellha ufficcju legali. Dan il-fatt gie dejjem mehud bhala fatt ghall-fini tat-taxxi ufficjali kollha li hargu mill-Qorti mill-mewt ta' l-Avukat Grech li sehhet fil-25 ta' Mejju 2004. Jekk issa f'daqqa wahda, il-Qorti se tiehu pozizzjoni ohra, allura ghandu jirrizulta li l-Qorti agixxiet irregolarment tul dawn is-snin kollha.

Illi inoltre, jekk kull fejn hemm ufficcju legali b'diversi avukati, bhalma llum-il gurnata hija l-prattika kwazi fl-ufficcji kollha, b'dana r-ragunament, kull Avukat li jidher fil-kawza fl-istess ufficcju legali jigi ntaxxat separatament. Pero' dan ma jigrix.

Illi inoltre l-Avukat Michael Grech qatt ma thallas ghas-servizzi moghtija minnu fil-kawza, u dana appuntu ghaliex is-servizz moghti mill-esponenti kien kontinwazzjoni tas-servizzi moghtija minnu, billi dawn baqghu jigu moghtija mill-istess ufficcju legali.

Dan jikkonferma iktar il-fatt kemm l-esponenti dejjem tqieset bhala t-tieni Avukat fil-kawza msemmija.

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

(i) jew tordna li t-taxxa applikabbli ghal dan il-kaz fir-rigward tal-kawza fuq imsemmija hija dik mahruga fil-15 ta' Jannar 2019; jew (ii) alternattivament tordna lir-Registratur taghha jintaxxa mill-gdid id-drittijiet dovuti lill-Avukata sottoskritta fil-kawza u dana billi dawn jigu ntaxxati abbazi tad-differenza bejn id-dritt shih u d-dritt intaxxat mill-ewwel Avukat.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura a karigu ta' l-atturi ntimati f'din il-procedura.

**Rat ir-risposta tal-Avukat Carmelo Galea ghan-nom ta' l-imsiefra Jennifer De Hoog illi eccepixxa**:

Illi l-esponenti jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti fir-rigward it-talbiet tar-rikorrent b'dan illi l-istess esponenti ma ghandux ibati l-ebda spejjez gudizzjarji stante li huwa kompletament estranju ghad-divergenza mertu ta' dawn il-proceduri.

**Rat ir-risposta ta' Saviour Portelli u Antonia Portelli bhala kuraturi ta' l-inabilitata' Rosalinda Portelli illi eccepew:**

Illi fl-ewwel lok l-esponenti ma jistghux ma josservawx li la darba l-valur tal-kawza numru 96/90 kien gia' kommess u stabbilit b'dikjarazzjoni tal-valur li saret b'mod kongunt mill-Avukati Anton Refalo ghall-atturi u Paul Coppini ghall-konvenuta, il-valur ta' l-oggett fil-kawza ma kellu qatt jinbidel jew jigi rivedut, ilha kemm ilha pendenti l-kawza u ghadda kemm ghadda zmien. B'dan il-mod giet ippregudikata gravament il-pozizzjoni tal-esponenti qua eredi ta' missierha Salvatore Portelli billi dan it-tibdil mhux sa jolqot biss id-dritt tal-avukat fil-kawza izda wkoll id-dritt tar-registru li sa jitla' sostanzjalment, u ghalhekk kull dikjarazzjoni tal-valur kellha ssir b'konsultazzjoni maghha la darba l-Avukat Schembri kienet xi darba qeghdha tirrapprezenta d-drittijiet ta' Salvatore Portelli (ara Emanuel Beck vs L-Avukat Etienne Calleja et (Rikors 349/09/MZK), PA 17 ta' Novembru 2011]. Meta

avukat jidhol f'kawza minflok avukat iehor, huwa m'ghandu ebda dritt meta jigi biex johrog mill-kawza ghaliex ikun intemm ir-rapport fiducjarju bejn dak l-avukat u l-klijent, li jibdel il-valur f'kawza ghaliex ma jkunx jaqbel ma' jew sodisfatt bid-dikjarazzjoni tal-valur li jkun ghamel l-avukat ta' qablu.

Illi bla pregudizzju ghall-premess, it-taxxa mahruga mir-Registratur tas-6 ta' Frar 2020, hi korretta u gusta billi d-dritt li hi ntitolata ghalih l-Avukat Schembri huwa ta' terz (1/3) u mhux ta' zewg terzi (2/3) kif qeghdha tippretendi. Huwa rrilevanti jekk l-Avukat titqiesx li kienet it-tieni jew it-tielet avukat ta' l-attur fil-kawza, cjoè jekk komplietx il-kawza minflok l-Avukat Michael Grech jew dahlitx fil-kawza bhala avukat gdid warajh billi f'kull kaz id-dritt huwa ta' terz (1/3) u mhux ta' zewg terzi (2/3).

Illi l-esponenti jirreferi lil din il-Qorti ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet: 'L-Avukat Dottor William Cuschieri vs Direttur, Qrati Civili u Tribunali et', deciza fl-14 ta' Dicembru 2018 (Rikors numru 197/10). L-appell sar ad istanza ta' l-Avukat Cuschieri billi kien qed jippretendi dritt ta' zewg terzi (2/3) u mhux ta' terz kif gie ntaxxat lilu wara li dahal fil-kawza numru 246/06 ghall-atturi konjugi Camilleri minflok l-Avukat Chris Cilia. L-Avukat Cuschieri dahal fl-istadju tal-appell. Wara li gie deciz l-appell, l-Avukat Cuschieri dehrlu li d-dritt ta' terz (1/3) intaxxat lilu ma kienx korrett billi ppretenda dritt ta' zewg terzi (2/3). Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fi provvediment li tat fil-5 ta' Dicembru 2013, ma laqghetx l-ilment tal-Avukat Cuschieri billi kkonkludiet li d-dritt ta' terz (1/3) inhadem korrettement u gie ntaxxat fil-parametri legali ndikati fl-iskeda E tat-Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-artikli 33, 34, u 38 taghha. L-Avukat Cuschieri appella u dwar dan l-aggravju (ir-raba' aggravju) il-Qorti tal-Appell iddecidiet is-segwenti:

"*Minn ezami tal-atti tal-kawza li ggib referenza 264/2006 jirrizulta li l-appellati f'din il-kawza, Anthony u Carmela Camilleri, kienu patrocinati mill-Avukat Chris Cilia u dan sakemm gew maghluqa l-proceduri bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Appell. Kien biss fis-seduta tal-19 ta' Novembru, 2009, li l-avukat appellant William Cuschieri assuma l-patrocinju tal-konjugi Camilleri, appellanti f'dik il-kawza fejn ittratta l-appell, li baqa' differit ghas-sentenza. Kif inghad mill-Prim'*Awla *tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-17 ta'* Novembru, *2011, fil-kawza fl-ismijiet: 'Emanuel Beck v. Avukat Dottor Etienne* A. *Calleja': Huwa accettat li d-dritt ta' avukat li jabbanduna l-klijent wara li jinghalqu l-proceduri bil-miktub imma qabel mal-kawza tigi mhollija ghas-sentenza ghandu jkun zewg terzi (2/3) tat-tariffa stabbilita kif inhu l-kaz. Para,* 33 *tat-Tariffa E tal-iskeda* A *tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'* Malta *jitkellem car meta jghid li "Jekk Avukat jitlaq il-klijent jew jigi abbandunat mill-klijent wara li r-rikors, ic-citazzjoni, in-not*a *tal-eccezzjonijiet jew ir-risposta tkun giet prezentata ....... izda qabel ma tigi differita l-kawza ghas-sentenza, ikun intitolat ghal zewg terzi tad-dritt normali'.*

"*Ghalkemm fil-kaz tal-kawza in ezami, din giet deciza finalment mill-Qorti tal-Appell, u l-bidla fl-avukat saret f'dak l-istadju tal-appell, kif hawn appena spjegat, ghandu*

*jibqa' japplika l-istess principju, ladarba l-Avukat Cilia kien jippatrocina lill-appellati Camilleri sa l-istadju fejn inghalqu l-proceduri bil-miktub. Kien dan l-ewwel avukat li kien intitolat ghal zewg terzi (2/3) tat-tariffa stabbilita. B'applikazzjoni tal-paragrafu 34 citat mill-avukat appellant, dan ifisser li l-Avukat Cuschieri kien intitolat ghar-rimanenti terz (1/3) u mhux ghal zewg terzi (2/3) kif qieghed jippretendi, peress li l-paragrafi 33 u 34 jehtieg li jinqraw flimkien sabiex jaghmlu sens. Kwindi safejn permess tar-raba' aggravju tieghu l-appellant jikkontendi li kien jispetta lilu zewg terzi (2/3) tad-dritt stabbilit fit-taxxa tal-Qorti, din il-Qorti ma taqbilx u f'dan ir-rigward dan l-aggravju ghandu jigi michud."* [enfasi tas-sottoskritt].

Illi rrispettivament mill-valur tal-kawza kemm hu, il-principju hu, u li dwaru trid tiddeciedi din il-Qorti, jekk l-Avukat Anton Refalo li kellu dritt u effettivament ha dritt ta' zewg terzi (2/3), ghandhiex dritt ta' zewg terzi (2/3) wkoll l-Avukat Schembri li dahlet warajh. L-Avukat Refalo kien irrinunzja ghall-patrocinju ta' l-attur f'Ottubru 1993, cjoe' tliet snin wara li giet ipprezentata l-kawza. Wara dak iz-zmien sallum, fil-kawza ma sar affattu xejn hlief differiment wara l-iehor billi l-kawza kienet qed tistenna l-ezitu ta' zewg kawzi ohra cjoe' l-kawzi 30/05 u 34/09, illum gew decizi.

L-esponenti ghalhekk ma tistax tifhem kif l-Avukat Schembri iddikjarat li 'kompliet tmexxi' l-kawza ghax f'dawn l-ahhar sebgha u ghoxrin (27) sena ma sar ebda progress. L-uniku progress li sar fil-kawza kien biss l-awment tal-valur tal-kawza a beneficcju tal-Avukat Schembri.

Illi l-argument tal-Avukat Schembri li tiehu terz (1/3) tad-differenza bejn iz-zewg terzi (2/3) li ha l-Avukat Refalo skont il-valur li kien gie ddikjarat minnu u l-valur indikat fil-verbal tat-8 ta' Jannar 2019, mhuwiex wiehed validu u bir-rispett kollu ma jaghmilx sens. Dan ir-ragunament kien jaghmel sens jekk il-valur baqa' l-istess dak li kien gie dikjarat bi qbil bejn l-Avukati Anton Refalo u Paul Coppini ta' tmint elef liri Maltin (LM8,000). Irrispettivament mill-valur, il-kwistjoni tibqa' jekk id-dritt ta' l-avukat li jidhol fil-kawza wara avukat iehor li jkun hareg wara l-istadju li tkun giet ipprezentata r-risposta guramentata u tkun bdiet miexja 'l quddiem il-kawza mhuwiex ta' terz (1/3) jew ta' zewg terzi (2/3).

Illi t-taxxa mir-Registratur fuq valur ta' tliet mitt elf ewro (€300,000) inhadmet korrettement. Ma kienx korrett ir-Registratur biss fejn ta lill-Avukat Schembri dritt ta' zewg terzi (2/3) fuq dan il-valur meta kellha dritt ta' terz (1/3). L-esponenti kellha kull dritt apparti li kien ukoll fl-interess taghha, illi tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghal dan l-zball amministrattiv minn fejn irrizulta li bi zvista r-registratur kien hadem id-dritt fuq il-premessa li l-Avukat Schembri kienet fil-kawza mill-bidu nett u mhux dahlet wara avukat iehor, u kkorega t-taxxa wara li ezamina l-atti tal-kawza mill-gdid u sab li dan kien minnu. L-Avukat Schembri qeghdha tinqeda minn zball genwin li sar amministrattivament biex tiehu dritt mhux misthoqq ta' zewg terzi (2/3) flok terz (1/3). Fir-rikors saru hafna nsinwazzjonijiet u dikjarazzjonijiet skorretti u ngusti li l-esponenti ma thossx li ghandha twiegeb ghalihom b'mod dirett billi

fis-sustanza dak migjub hawn fuq jindirizza l-punti ewlenin tar-rikors.

Illi jigi rilevat finalment li t-taxxa tal-15 ta' Jannar 2019 u tal-31 ta' Jannar 2020, qatt ma gew notifikati lill-esponenti permezz ta' att gudizzjarju;

Fid-dawl tas-suespost, ir-rikors ghandu jigi michud bl-ispejjez, u t-taxxa tas-6 ta' Frar 2020, ghandha tigi meqjusa li giet validament mahruga, u li dik it-taxxa tirrifletti korrettement id-dritt li ghandha jedd ghalih l-Avukat Georgine Schembri.

**Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali ta' Ghawdex illi ppremetta:**

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jsostni li ghandu kull dritt jirrevedi amministrattivament taxxi mahruga minnu meta jirrizultalu li jkun hemm lok ghal tali revizjoni u dan fuq l-iskorta ta' gurisprudenza. *Multo magis* meta tali taxxi jkunu ghadhom ma gewx rezi ezekuttivi ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12.

Illi fil-mertu, jirrizulta illi :

1. Il-kawza de quo giet intavolata fl-1990 minn Dottor Anton Refalo li rrinunzja ghall-patrocinju fl-1993. Ghaldaqstant ai termini tar-regolament 33 (ii) tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12, Dottor Refalo hu ntitolat ghal zewg terzi tad-dritt;

2. Skont regolament 34 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12, l-avukat li dahal minfloku hu ntitolat ghad-differenza bejn id-dritt shih u d-dritt li kien dovut lill-ewwel avukat (Dottor Refalo). Ghaldaqstant, anke jekk wiehed iqis li kemm ir-rikorrenti kif ukoll il-mibki Dottor Michael Grech huma ntitolati ghal dritt uniku peress li kienu jahdmu fl-istess ufficju legali (cirkostanza illi ma ssib l-ebda konfort fil-ligi u mhix pacifika), xorta jibqa' l-fatt illi r-rikorrenti tibqa' ntitolata ghal terz tad-dritt. Jigifieri sia jekk tigi meqjusa bhala t-tieni avukat (flimkien mal-kompjant Dottor Grech) jew it-tielet avukat, xorta r-rikorrenti hija ntitolata ghal terz tad-dritt. U l-istess dritt jispetta lill-avukat li dahal minflokha.

3. Jigi puntwalizzat ukoll illi r-rikorrenti qatt ma assumiet formalment l-atti tal-kawza de quo ghalkemm assistiet lill-attrici.

Ghaldaqstant, l-esponenti jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' dina l- Onorabbli

Qorti imma fi kwalunkwe kaz, m'ghandhux ikun responsabbli ghall-ispejjez ta' din il-procedura minhabba n-natura tal-materja.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**Il-Qorti**

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li fis-seduta tat-03 ta' Lulju, 2020 semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2020.

Rat ukoll li fl-istess seduta tat-03 ta' Lulju, 2020, l-intimat Registratur tal-Qrati u Tribunali ta' Ghawdex kien ordnat li jipprezenta nota bil-gurisprudenza li ghamel referenza ghaliha fit-trattazzjoni tieghu u dan kellu jaghmlu sat-08 ta' Lulju, 2020, liema nota giet ipprezentata fl-10 ta' Lulju, 2020.

**Ikkunsidrat.**

**Il-fatti.**

Minn qari ta' l-atti jirrizulta s-segwenti:

1) Fil-**15 ta' Jannar, 2019** inharget it-taxxa ufficjali *come ceduta* tad-drittijiet u spejjez fil-kawza fl-ismijiet Saviour Portelli et noe vs Dr. Paul Coppini noe (Citazz. Nru. 96/1990BS)[1];

2) Fil-**31 ta' Jannar, 2020** inharget taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez ta' l-Avv. Dr. Georgine Schembri fl-istess kawza msemmija[2] fejn id-dritt dovut lil Dr Schembri gie rivedut u mnaqqas;

3) Fis-**06 ta' Frar, 2020** inharget taxxa ohra riveduta u fuq it-taxxa hemm dikjarat illi dina saret fuq struzzjonijiet mid-Direttur Generali[3] ;

L-Avv. Dr. Georgine Schembri intavolat rikors[4] fejn qed tattakka t-tieni taxxa mahruga fil-31 ta' Jannar, 2020 u dan ghar-ragunijiet minnha ndikati fir-rikors.

Min-naha taghhom l-intimati jirribattu l-argumenti sollevati mir-rikorrenta hlief ghall-intimat Dr. Carmelo Galea ghan-nom ta' Jennifer DeHoog li rrimetta

[1] A fol 7 u 8 tal-process
[2] A fol 9 tal-process
[3] A fol 10 tal-process
[4] A fol 1 sa fol 6 tal-process

ruhu ghas-savju gudizzju ta' din il-Qorti.

Il-Qorti fliet b'reqqa l-argumenti sollevati mill-partijiet kif ukoll studjat b'attenzjoni l-artikoli rilevanti tal-ligi. Fl-ewwel lok il-Qorti tinnota li hadd mill-intimati ma kkontradixxa l-argument sollevat mir-rikorrenta li t-taxxa ma gietx kontestata hlief sena wara li nharget. Dan l-argument fl-opinjoni tal-Qorti huwa c-cavetta fil-kaz in ezami u jmissu jigi trattat qabel l-argument l-iehor li huwa dibattut ferm mill-partijiet cioe' rigward x'sehem hija ntitolata ghalih ir-rikorrenta, billi jekk l-ewwel argument jirrizulta gustifikat, it-tieni argument jisfuma.

Il-Qorti ser tghaddi ghalhekk sabiex titratta l-ewwel argument. L-Artikolu 64 tal-Kap 12 Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

*"64.(1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.*

*(2) Ir-rikorrent għandu jara li kopja tar-rikors għandha tiġi notifikata lil kull min ikollu interess fih, li mbagħad ikollu għoxrin jum li matulhom ikun jista' jippreżenta risposta.*

*(3) Il-proċeduri bil-miktub li għandhom x'jaqsmu mar-rikors għandhom jitqiesu magħluqin meta ssir ir-risposta jew jekk din ma ssirx, meta jagħlaq iż-żmien mogħti għaliha. Il-partijiet għandhom jiġu notifikati bid-data meta jkun ser jinstema' r-rikors"*

Jibda biex jinghad illi l-hsieb wara dispozizzjonijiet tal-artikolu precitat huwa dak li jirregola wahda mill-funzjonijiet ewlenin tal-ufficjali ezekuttivi tal-Qorti u cioe' il-hrug tat-taxxa ta' spejjez u drittijiet gudizzjarji, kif ukoll li jittutela l-jeddijiet ta' min jintlaqat hazin b'dawk il-funzjonijiet. Gia la darba l-hrug ta' tali taxxi huwa effettivament eghmil amminisatrattiv rizultat ta' l-ezercizzju ta' diskrezzjoni da parti tar-registratur, huwa xieraq li l-ligi taghti rimedju lil min ihoss illi tali ezercizzju ma sarx kif misthoqq.

*"Illi huwa f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raguni biex wiehed jattakka l-hrug ta' taxxa trid tkun wahda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Huwa ghalhekk ukoll li l-ligi taghti zmien perentorju ta' xahar li fih taxxa bhal dik tista' tkun attakkata. Bhalma jigri fil-kaz ta' sentenzi tal-qrati jew titoli ezekuttivi ohrajn, huwa mehtieg li tinholoq ic-certezza u li tali certezza ma tkunx tiddependi mill-kapricc fieragh tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' zmien li jaf ikun ta' hsara akbar, l-aktar meta wiehed ikun irid jezegwixxi titolu bhal dak[5]".*

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk il-procedura ntiza sabiex tigi attakkata taxxa gudizzjarja ghandha titqies bhala wahda specjali li tirnexxi biss meta l-

[5] Gatt vs Libreri et, Prim Awla, deciza 18 ta' Frar, 2010.

gudikant ikun sodisfatt li jezistu l-estremi necessarji sabiex ir-Registratur jigi ordnat jerga' jwettaq sewwa l-funzjoni tieghu. Irid jinghad illi filwaqt li sentenza jew digriet huma att tal-Qorti, it-taxxa tal-ispejjez gudizzjarji hija att tar-Registratur u ghalhekk l-azzjoni mahsuba biex tattakka taxxa bhal dik hija klassifikata bhala wahda ta' stharrig gudizzjarju. Il-Qorti ghalhekk trid tgharbel il-kriterji mhaddma mir-Registratur u tqishom fid-dawl tal-ligi fis-sehh izda ma tistax tuzurpa l-funzjoni tar-Registratur. Dan ifisser illi jekk wara l-istharrig maghmul mill-Qorti jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrent huma misthoqqa l-Qorti taghti ordni lill-istess Registratur biex jaghmel dik it-taxxa.

Di piu' inghad hekk fis-sentenza **Av. Antoine Camilleri [Numru tal-Karta tal-Identita' 495276(M)] bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza taz-zewg socjetajiet esteri Adidas International Marketing B.V. u adidas AG kontra (1) Ir-Registratur tal-Qorti (2) Dr. Yana Micallef Stafrace u Sacha Guillaumier f`isimhom proprju u fil-kwalita' taghhom bhala kuraturi deputati appuntati b'digriet tal-Qorti tas-26 ta' Lulju 2013 ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Offshore International Development Limited, RM 907 WO 001 Wing Tuck China, u tas-socjeta' Banque Al Baraka D`Algerie[6], Seduta 11 ta' Dicembru, 2014**:

*"Huwa fatt inkontestat li t-taxxa li hareg ir-Registratur tal-Qorti ma gietx impunjata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Skont l-Art 64(1) tal-Kap 12, l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż- żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika."*

Fil-kaz odjern jirrizulta li t-taxxa nhadmet wara li permezz ta' verbal li jgib id-data 8 ta' Jannar, 2019 kien hemm qbil li l-valur li fuqu kellha tinhadem it-taxxa dovuta lir-rikorrenta kien ta' tliet mitt elf ewro (€300,000). Infatti jirrizulta li t-taxxa nharget fil-15 ta' Jannar, 2019. Ghalhekk malli ddekorra t-terminu perentorju ta' xahar minn meta harget it-taxxa, din it-taxxa saret finali u giet tikkostitwixxi stat bejn il-partijiet fil-kawza. Il-Qorti ghalhekk tqis it-taxxa mahruga fil-15 ta' Jannar 2019 bhala taxxa valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Hija *dunque* l-opinjoni ferma ta' din il-Qorti li r-Registratur tal-Qorti zbaljat bil-kbir meta minkejja li kienet a konoxxenza tal-fatt li kienet diga' harget taxxa fil-15 ta' Jannar 2019, xorta wahda ghaddiet biex tohrog taxxa gdida, **sena wara**, fil-31 ta' Jannar, 2020 u revizjoni ta' din l-ahhar taxxa fis-6 ta' Frar, 2020 meta t-taxxa tal-15 ta' Jannar 2019 ma kinitx giet impunjata. Dan huwa nuqqas serju da parti ta' din l-intimata. Di piu' l-Qorti tinnota li fit-taxxa mahruga fis-6 ta' Frar, 2020 hemm specifikat li t-taxxa giet riveduta wara struzzjonijiet mid-Direttur Generali[7]. Tali revizjoni ma setghet qatt issir stante li kif gia gie

[6] Deciza 11 ta' Dicembru, 2014

[7] A fol 10 tal-process

senjalat it-taxxa mahruga fil-15 ta Jannar, 2019 kienet diga' tikkostitwixxi stat bejn il-partijiet.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha hawn maghmula din il-Qorti ser tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat Registratur tal-Qrati u Tribunali ta' Ghawdex u dan fid-dawl illi hija tal-fehma li l-finalita' tat-taxxa hija determinata mill-Art 64(1) tal-Kap 12 mhux minn meta tali taxxa tkun giet resa esegwibbli.

Ser tichad ukoll l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-intimati Saviour Portelli u Antonia Portelli bhala kuraturi ta' l-inabilitata Rosalinda Portelli u dan ghar-ragunijiet gia moghtija.

Il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti.

Ghar-rigward tal-ispejjez tal-procediment tal-lum, il-Qorti ma taqbel xejn mal-pozizzjoni tar-Registratur tal-Qorti. L-gherq tal-problema holqitha r-Registratur tal-Qorti stess; kienet din il-problema li wasslet ghall-kawza tal-lum. Ma kien messha qatt harget taxxa gdida meta t-taxxa precedenti kienet saret finali ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghaliex ma kenitx giet impunjata skont l-Art 64(1) tal-Kap 12.

**Decide**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li qeghda tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimati qeghda tilqa' l-ewwel t-talba tar-rikorrenta kif dedotta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba billi hija alternattiva ghall-ewwel wahda.

Tordna li l-ispejjez kollha ta' dan il-procediment jithallsu unikament u esklussivament mill-konvenut Registratur tal-Qrati u Tribunali ta' Ghawdex.'.

3. Illi l-appellanti Saviour u Antonia konjugi Portelli fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi tal-inabilitata Rosalinda Portelli u Antonia Portelli bhala mandatarja verbali ta' l-eredi tal-mejta Margarita Muscat appellaw mid-decizjoni permezz ta' rikors datat 4 ta' Frar, 2021 fejn ressqu tliet aggravji:

(i) l-ewwel aggravju relatat man-nuqqas ta' apprezzament tajjeb tal-provi;

(ii) it-tieni aggravju relatat mat-taxxa tal-15 ta' Jannar 2019; u,

(iii) it-tielet aggravju dwar li d-dritt ta' l-appellata huwa ta' terz (1/3) u mhux ta' zewg terzi (2/3). Talbu ghalhekk illi din il-Qorti:

> '…joghgobha tilqà dan l-appell billi tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri tal-15 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet premessi, u filwaqt li tirriformaha in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet ta' l-esponenti u laqghet it-talba attrici, tikkonfermaha dwar il-kap ta' l-ispejjez, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti appellata.'

4. L-appellant ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali ta' Ghawdex ukoll appella mid-decizjoni permezz ta' rikors ta' l-appell datat 4 ta' Frar, 2021 fejn ressaq zewg aggravji:

(i) l-ewwel aggravju relatat man-nuqqas ta' konsiderazzjoni da parti tal-Ewwel Qorti tal-fatt li l-appellata qatt ma assumiet formalment l-atti tal-kawza; u,

(ii) it-tieni aggravju fuq asserzjoni skorretta da parti tal-Ewwel Qorti fejn iddikjarat li t-taxxa saret finali u giet tikkostitwixxi stat bejn il-partijiet fil-kawza. Talab ghalhekk illi din il-Qorti:

> '…joghgobha tilqa' l-aggravji ta' l-Appellant u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kompetenza nferjuri tal-15 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Appellata.'

5. Rat ir-risposta ta' l-Avukat Dottor Carmelo Galea ntavolata nhar is-26 ta' Frar, 2021 fejn irrimetta ruhu ghas-savju gudizzju ta' l-Onorabbli Qorti ghalkemm issottometta li m'ghandux ibati l-ebda spejjez. Zied jghid li dan l-appell huwa manifestament irritu u null inkwantu Antonia Portelli tiddikjara li tagixxi 'bhala mandatarja verbali ta' l-eredi tal-mejta Margarita Muscat'. Isostni li kien jinkombi fuq Antonia Portelli li tindika l-ismijiet tal-persuni li tirrapprezenta u mhux titfa' appell f'isem persuni li lanqas hija stess mhi kapaci tindika. Bhala tieni aggravju jghid li huwa wiehed manifestament infondat. Zied jghid li kien forsi jkollu ragun li kieku t-taxxa tas-6 ta' Frar, 2020 kienet l-ewwel taxxa, pero' jirrizulta li dik harget bhala 'revizjoni amministrattiva' tat-taxxa tal-15 ta' Jannar, 2019. Ghaldaqstant fil-konfront ta' Dr Georgine Grech hija t-taxxa tal-15 ta' Jannar, 2019 li taghmel stat. Jghid li dak li qed titlob Dr Georgine Grech

hija dikjarazzjoni li t-taxxa tal-15 ta' Jannar, 2019 hija dik it-taxxa li tapplika fil-konfront taghha u t-taxxa tas-6 ta' Frar, 2020 inharget b'mod skorrett u abbuziv u ghandha tigi skartata.

6. Rat ukoll ir-risposta ta' l-istess Dottor Carmelo Galea ntavolata fl-istess gurnata u cioe' fis-26 ta' Frar, 2021 fejn permezz taghha rrimetta ruhhu ghas-savju gudizzju tal-Qorti u ssottometta bir-rispett li m'ghandux ibghati l-ebda spejjez involuti fil-proceduri stante li huwa fil-kwalita' tieghu premessa gie traxxinat f'din il-vertenza minghajr ma kkontribwixxa b'xi mod.

7. L-appellata l-Avukat Dottor Georgine Grech laqghet ghall-appell billi sostniet illi s-sentenza appellata tal-15 ta' Jannar, 2021 hija gusta u timmerita konferma minn din l-Onorabbli Qorti. Ziedet li fl-ewwel lok l-appell huwa manifestament irritu u null kwantu Antonia Portelli ddikjarat li qieghda tagixxi '*bhala mandatarja verbali tal-eredi tal-mejta Margerita Muscat*' minghajr ma ndikat l-isem ta' l-eredi ta' Margerita Muscat. L-appell ma sarx minn persuna identifikata u minhabba f'hekk gja hemm raguni li fuqha jista' jigi respint. L-appellata mbaghad ghaddiet sabiex trattat it-tliet (3) aggravji separatament.

Dwar l-ewwel aggravju, l-appellata sostniet li l-Qorti ta' l-Appell ma tistax taghmel ri-apprezzament tal-provi prodotti stante li Qorti tat-tieni stanza m'ghandhiex tbiddel l-interpretazzjoni tal-fatti moghtija mill-Ewwel Qorti leggerment. Dwar it-tieni aggravju l-appellata ghamlet referenza ghall-Artikolu 64 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u sahqet li dan l-artikolu jipprovdi l-unika mod kif wiehed jista' jattakka t-taxxa. Tinsisti li t-terminu ta' xahar kien ilu li ghadda mill-15 ta' Frar, 2019 u cioe' xahar wara li harget it-taxxa. Bla pregudizzju sostniet ukoll li anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument it-taxxa kienet saret biss titolu ezekuttiv fil-konfront taghha, u ghalhekk setghet tigi attakkata mid-debitur, xorta dan qatt ma sar. Ir-registratur ma setax jirrivedi t-taxxa li saret stat fil-konfront taghha. Sostniet ukoll li ma giex spjegat minn fejn jirrizulta u b'liema awtorita' ir-Registratur seta' jaqbad u jibdel it-taxxa. Finalment sostniet ukoll li la darba t-taxxa tal-15 ta' Jannar, 2019 giet notifikata b'att

gudizzjarju u ma gietx attakkata mill-appellanti din hija titolu ezekuttiv. Dwar it-tielet u l-ahhar aggravju, l-appellata nsistiet li l-appellanti jaghmlu minn kollox biex jinjoraw l-ezistenza tal-Artikolu 34 tat-Tariffa E, Skeda A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jibbazaw l-argument taghhom unikament fuq l-Artikolu 33 ghalkemm huwa ben maghruf li dawn iz-zewg artikoli jridu jinqraw ma' xulxin.

8. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati tal-partijiet fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2021, rat illi l-partijiet qablu li z-zewg appelli ghandhom jigu decizi f'sentenza wahda u ddifferiet l-appell ghal-lum ghad-decizjoni.

9. Illi fil-qosor il-kaz odjern jitratta talba ghal ritassa tad-drittijiet dovuti lill-Avukat Dottor Georgine Grech tal-kawza bir-rikors guramentat numru 96/1990 fl-ismijiet Saviour Portelli et noe -vs- Dr. Paul Coppini noe. Jirrizulta li fuq talba tar-rikorrenti Dr Georgine Grech fil-15 ta' Jannar, 2019 inharget taxxa li abbazi taghha hija kellha tithallas dritt ta' €2,751.52 (ara taxxa a fol. 7 u fol. 8 tal-process). Ir-rikorrenti appellata Dr Grech tallega li hija baghtet diversi ittri sabiex isir il-hlas relattiv u hija qatt ma semghet l-ebda kontestazzjoni dwarha. Sussegwentement oltre minn sena wara precizament fil-31 ta' Jannar, 2020 allegatament minghajr l-ebda konsultazzjoni mar-rikorrenti appellata, u minghajr l-ebda procedura, inharget taxxa ohra li bhala dritt inghata l-ammont ta' €2,646.94 (ara taxxa a fol. 9 tal-process). Jirrizulta li ghat-tielet darba konsekuttiva fis-6 ta' Frar, 2020 inharget taxxa ohra riveduta amministrattivament wara struzzjonijiet tad-Direttur Generali bid-drittijiet tar-rikorrenti jkunu diminwiti ulterjorment ghas-somma ta' €1,464.47 (ara taxxa a fol. 10 tal-process). Ir-rikorrenti appellata ntavolat rikors ghar-ritassa fejn sostniet li l-procedura kif jigu attakkati u mibdula taxxi huwa a tenur tal-Artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ai termini ta' l-istess artikolu ma jistghux jigu attakkati wara t-terminu ta' xahar. Ghalhekk sahqet li t-taxxa applikabbli hija dik tal-15 ta' Jannar, 2019. Ir-rikorrenti appellata fir-rigward it-taxxa tas-6 ta' Frar, 2020 staqsiet jekk ghall-fini ta' din it-taxxa ufficjali hija tqisitx bhala t-tieni jew it-tielet avukat u dana peress li ai fini tat-taxxa taghmel distinzjoni u dan ai termini tal-Artikolu

34 tat-Tariffa E ta' l-Iskeda A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Sostniet li jekk ghall-fini ta' din il-kawza hija giet ikkunsidrata bhala t-tielet avukat dan kien zbaljat u dan peress li hija kemm issostitwiet lill-Avukat Michael Grech li mieghu kellha ufficju legali w'ghalhekk talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Gurisdizzjoni Inferjuri) kif isegwi:

> '(i) jew tordna li t-taxxa applikabbli ghal dan il-kaz fir-rigward tal-kawza fuq imsemmija hija dik mahruga fil-15 ta' Jannar, 2019; jew (ii) alternattivament tordna lir-Registratur taghha jintaxxa mill-gdid id-drittijiet dovuti lill-Avukata sottoskritta fil-kawza u dana billi dawn jigu ntaxxati abbazi tad-differenza bejn id-dritt shih u d-dritt intaxxat mill-ewwel Avukat.'

**Ikkunsidrat:**

10. Fir-risposta ta' l-Appell l-Avukat Dottor Carmelo Galea ghan-nom ta' l-imsiefra Jennifer DeHoog irrileva li dan l-appell huwa manifestament irritu u null in kwantu fih Antonia Portelli ddikjarat li qieghda tagixxi '*bhala mandatarja verbali tal-eredi tal-mejta ta' Margerita Muscat*', minghajr ma ndikat l-isem ta' l-eredi ta' l-istess Margerita Muscat. Dan l-argument gie abbraccjat ukoll mill-appellata Dr Georgine Grech fir-risposta tal-appell taghha ntavolata nhar it-3 ta' Marzu, 2021.

Il-Qorti tinnota li huwa minnu li l-appell promotur in parte gie ntavolat minn Antonia Portelli bhala mandatarja verbali tal-eredi tal-mejta Margerita Muscat. Il-Qorti wzat il-kelma 'in parte' stante li jirrizulta li r-rikors ta' l-appell gie ntavolat ukoll minn Saviour u Antonia konjugi Portelli fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi ta' l-inabilitata Rosalinda Portelli. Ghalhekk in kwantu din ir-rapprezentanza zgur li l-appell m'huwiex wiehed irritu u null.

Dwar l-uzu tal-kliem li Antonia Portelli ddikjarat li qieghda tagixxi '*bhala mandatarja verbali tal-eredi tal-mejta ta' Margerita Muscat*', din il-Qorti taqbel in parte li l-istess Antonia Portelli kellha ta' l-inqas tindika l-ismijiet

li ghalihom hija kienet qieghda tintavola l-appell imsemmi. Madanakollu ma tqisx li dan in-nuqqas fl-indikazzjoni ta' l-ismijiet, in vista li hemm appellanti ohra li gew kjarament identifikati, jirrendi l-appell bhala wiehed irritu u null.

**<u>11. L-Ewwel aggravju tar-Registratur tal-Qorti u Tribunali Ghawdex:</u>**

Permezz ta' l-ewwel aggravju tieghu l-appellanti Registratur tal-Qorti u Tribunali Ghawdex isostni li l-Ewwel Qorti zbaljat meta naqset milli tiehu konsiderazzjoni tal-fatt illi l-appellata qatt ma assumiet formalment l-atti tal-kawza sopracitata u ghalhekk ma kellhiex *locus standi* sabiex tipproponi l-azzjoni legali.

Illi l-principju prattikat konsistentement fil-Qrati taghna huwa li min jallega jrid jipprova: *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* L-appellanti Registratur tal-Qorti u Tribunali Ghawdex jallega li r-rikorrenti appellata Dr Georgine Grech qatt ma assumiet formalment l-atti tal-kawza bir-rikors guramentat numru 96/1990 fl-ismijiet "Saviour Portelli et noe -vs- Dr. Paul Coppini noe". Madanakollu l-Qorti tinnota li prova li l-appellata m'assumietx l-atti ma ngabitx. Ghall-kuntrarju minn dak li gie ddikjarat mill-istess appellanti Registratur tal-Qorti u Tribunali Ghawdex jirrizulta li l-appellata dehret f'diversi seduti. Ghalhekk b'dak iddikjarat mill-appellanti Registratur iktar jista' jinghad li l-appellata ghandha xi forma ta' locus standi milli li m'ghandhiex. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad dan l-aggravju.

**<u>12. L-Ewwel u t-Tieni aggravju ta' l-appellanti Saviour u Antonia konjugi Portelli fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi ta' l-inabilitata Rosalinda Portelli et u t-Tieni aggravju ta' l-appellanti Registratur tal-Qrati u Tribunali ta' Ghawdex:</u>**

Fl-ewwel aggravju, l-appellanti Saviour u Antonia konjugi Portelli fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi ta' l-inabilitata Rosalinda Portelli et jibdew billi jghidu li l-Ewwel Qorti naqset milli ghamlet apprezzament tajjeb tal-provi u ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-ligi.

Illi din il-Qorti hija konxja li huwa pacifiku li Qorti ta' l-Appell ma tindahalx, in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghall-motiv iehor gravi.[8] Madanakollu dan ma jfissirx li l-ezercizzju ta' dan il-poter diskrezzjonali huwa hekk assolut li ma jattirax lejh is-sindikabilita' ta' din il-Qorti meta jinstab li jezistu cirkostanzi li jiggustifikaw dan u jkun stabbilit li l-koncezzjoni tal-fatti jew tal-punt tad-dritt huma errati.[9]

Fit-tieni aggravju taghhom isostnu li l-Ewwel Qorti zbaljat fl-interpretazzjoni taghha tal-Artikolu 64 sub-artikolu 1 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) stante li t-taxxa tal-15 ta' Jannar, 2019 qatt ma saret wahda ezekuttiva fil-konfront ta' l-appellanti stante li qatt ma giet notifikata lilhom b'att gudizzjarju.

Da parti ta' l-appellant ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali ta' Ghawdex fit-tieni aggravju tieghu jishaq ukoll li l-Ewwel Qorti zbaljat meta ghamlet l-asserzjoni li '*Ghalhekk malli ddekorra t-terminu perentorju ta' xahar minn meta harget it-taxxa, din it-taxxa saret finali u giet tikkostitwixxi stat bejn il-partijiet fil-kawza. Il-Qorti ghalhekk tqis it-taxxa mahruga fil-15 ta' Jannar 2019 bhala taxxa valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*'

13. Illi l-Artikolu 64 sub-artikolu 1 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqra kif isegwi:

> '(1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.'

[8] Elena Magri et -vs- Rosaria sive Rose Borg deciza fl-10 ta' Frar, 1961 mill-Qorti tal-Appell.
[9] Emanuel Galea -vs- Direttur tas-Sigurta Socjali deciza nhar it-13 ta' Gunju, 2007.

Illi minn dan l-artikolu jitnissel li huwa r-Registratur tal-Qorti li jintaxxa l-ispejjez gudizzjarji u li johrog it-taxxa relattiva. L-artikolu jistipula wkoll iz-zmien li fih tista' tigi attakkata taxxa li jibda jiddekorri b'zewg modi u cioe':

i. minn dakinhar li tinhareg it-taxxa fil-konfront tal-persuna li tkun talbet it-taxxa; u,

ii. minn dakinhar tan-notifika tat-taxxa b'att gudizzjarju fil-konfront tad-debitur li minghandu jkun qed jintalab ihallas.

Illi huwa dritt ta' kull parti nteressata li timpunja taxxa fi zmien stipulat mill-ligi. Kemm-il darba dak iz-zmien jghaddi minghajr ma jittiehdu l-proceduri msemmija, it-taxxa ssir titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ma tkunx tista' tigi aktar kontestata. Hekk difatti gie enuncjat fid-decizjoni deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Marzu, 2013 fl-ismijiet **Accent Clear Traders Limited -vs- Registratur tal-Qrati u Cole Foods** illi:

> 'Stabbilit li l-uniku procedura prevista mill-Kodici ghall-kontestazzjoni ta' taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti hija dik ta' ritassa prevvista bl-artikolu 64 tal-Kap.12, jibqa' ghalhekk l-ezami tad-dekors tal-perjodu ta' preskrizzjoni gudizzjarja ta' xahar li johrog minn dak l-artikolu.
>
> Kif gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, "Wara jkun fid-drittijiet tal-parti nteressata li tattakka din it-tassazzjoni fi zmien utili u kemm-il darba dak iz-zmien jghaddi minghajr ma jittiehdu l-proceduri msemmija fl-artikolu citat (art.64) dik it-taxxa ma tkunx tista' tigi aktar ikkontestata u ssir titolu ezekuttiv skont ma jipprovdi l-artikolu 253 sub-inciz (c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta". (Mid Med Bank Plc -v- Ellul Holdings Limited noe et. PA).
>
> Hekk ukoll intqal li "Come si stabilisce dall'art. 80, Cod. Proc.Civ.

(illum art. 64 tal-Kodici) le tasse fatte dal Registratore non possono essere impugnate spirato un mese dal giorno in cui fossero, anche per lettera ufficiale, notificate."

…

Jigi osservat li l-artikolu 64 (1) jispecifika d-*dies a quo* minn meta jibda jiddekorri t-terminu biss fil-kaz ta' min jitlob it-taxxa u cjoe′ "mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa" u," għad-debitur mill-ġurnata ta′ notifika ta' att gudizzjarju." Izda l-legislatur ma jistabbilixxi ebda regola fir-rigward tal-parti li la talbet il-hrug tat-taxxa u lanqas hija d-debitur ghall-hlas kif proprju u l-kaz tallum.′

Illi fid-dawl ta′ dak appena kwotat, din il-Qorti tqis li entrambi l-appellanti kellhom ragun jargumentaw fl-aggravji taghhom li t-taxxa tal-15 ta′ Jannar, 2019 ma kinitx wahda ezekuttiva u ma tikkostitwixxix stat bejn il-partijiet. Jirrizulta li r-rikorrenti appellata Dr Georgine Grech meta giet notifikata bit-taxxa tal-15 ta′ Jannar, 2019 ghaddiet biex baghtet numru ta′ ittri sabiex isir il-hlas relattiv, madanakollu ma jirrizultax li l-intimati appellanti Saviour u Antonia konjugi Portelli fil-kwalita′ taghhom ta′ kuraturi ta′ l-inabilitata Rosalinda Portelli gew notifikati b′att gudizzjarju kif tirrikjedi l-ligi bit-taxxa relattiva. Jikkonsegwi li la darba l-intimati appellanti ma gewx notifikati bit-taxxa b′att gudizzjarju, din it-taxxa ma gietx tikkostitwixxi stat bejn il-partijiet, kif irriteniet l-ewwel Qorti.  Lanqas jista′ jinghad li din it-taxxa saret titolu ezekuttiv skont l-Artikolu 253 sub-inciz (c) tal-Kodici ta′ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta′ Malta).

Ghaldaqstant din il-Qorti f′dan ir-rigward ma taqbilx ma′ l-apprezzament tal-provi u l-konkluzjonijiet ta′ l-Ewwel Qorti u ser tghaddi sabiex tilqa′ l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellanti Saviour u Antonia konjugi Portelli fil-kwalita′ taghhom ta′ kuraturi tal-inabilitata Rosalinda Portelli et u t-tieni aggravju tal-appellanti Registratur tal-Qrati u Tribunali ta′ Ghawdex.

13. Illi la darba gie stabbilit li t-taxxa tal-15 ta' Jannar, 2019 ma kinitx stat bejn il-partijiet, imiss issa jigi stabbilit b'liema mod kellha tigi ntaxxata l-kawza bin-numru 96/1990 fl-ismijiet Saviour Portelli et noe -vs- Dr. Paul Coppini noe. L-appellanti Saviour u Antonia konjugi Portelli fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi ta' l-inabilitata Rosalinda Portelli et fit-tielet aggravju taghhom jitrattaw proprju l-mod li bih ghandu jigi ntaxxat id-dritt tar-rikorrenti appellata. Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina t-tielet aggravju.

**<u>It-Tielet aggravju tal-appellanti Saviour u Antonia konjugi Portelli fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi ta' l-inabilitata Rosalinda Portelli et:</u>**

14. Permezz tat-tielet aggravju taghhom, l-appellanti Saviour u Antonia konjugi Portelli fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi ta' l-inabilitata Rosalinda Portelli et. jinsistu li stabbilit li r-rikorrenti appellata u/jew id-ditta legali taghha ma kinitx l-avukat mill-bidu tal-kawza, id-dritt dovut huwa dak ta' terz (1/3) u mhux ta' zewg terzi (2/3). Jikkwotaw konsistentement mid-decizjoni fl-ismijiet l-Avukat Dottor William Cuschieri -vs- Direttur, Qrati Civili u Tribunali et deciza fl-14 ta' Dicembru, 2018 mill-Qorti ta' l-Appell fejn iddecidiet li l-Avukat kien intitolat ghal terz (1/3) u dan ai termini tal-paragrafi 33 u 34 tal-Iskeda E tat-Tariffa A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandhom jinqraw konguntivament.

Illi da parti tar-rikorrenti appellata fir-rigward tishaq li l-appellanti qed jinjoraw l-ezistenza ta' l-Artikolu 34 tal-Iskeda E tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u minflok jibbazaw l-argumenti taghhom unikament fuq l-Artikolu 33 tal-istess Skeda E tat-Tariffa A. Targumenta li d-dritt ghandu jinhadem billi jittiehed id-dritt shih abbazi tal-valur ta' €300,000 hekk kif ordnat fil-verbal tad-8 ta' Jannar, 2019 u minnu jitnaqqas l-ammont ta' Lm 157, dritt intaxxat fir-rigward l-Avukat Dr Anton Refalo. Tkun id-differenza rizultanti li tirrapprezenta d-drittijiet dovuti lill-esponenti, u mhux dak ta' terz.

Illi l-paragrafi 33 u 34 tal-Iskeda E tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqraw kif isegwi:

> '33. Jekk Avukat jitlaq lill-klijent jew jiġi abbandunat mill-klijent:
>
> > (i) wara li r-rikors jew ir-risposta tkun ġiet preżentata, ikollu jedd għal terz tad-dritt normali;
> >
> > (ii) wara l-istadji ta' hawn fuq iżda qabel ma tiġi differita l-kawża għas-sentenza, ikun intitolat għal żewġ terzi tad-dritt normali.
>
> 34. Id-dritt dovut lill-Avukat li jkun imqabbad wara li l-ewwel wieħed ikun abbandunat mill-klijent jew wara li l-ewwel Avukat ikun abbanduna lill-klijent qabel ma tiġi deċiża l-kawża jkun daqs id-differenza bejn id-dritt sħiħ u d-dritt intaxxat mill-ewwel Avukat. Id-dritt li għandu jitħallas lit-tielet Avukat jew Avukat ieħor li jiġi wara, għandu dejjem ikun ta' terz tad-dritt sħiħ.'

Mhux kontradett li bhala l-ewwel avukat li kien jippatrocina lill-appellanti fil-kawza bir-rikors guramentat numru 96/1990 kien l-Avukat Dottor Anton Refalo u li warajh dahal il-kompjant l-Avukat Dr Michael Grech. Mill-atti lanqas ma jirrizultax li l-appellanti qeghdin b'xi mod jikkontestaw il-fatt li r-rikorrenti appellata Dottor Georgine Grech kienet tifforma parti mill-ufficcju legali ta' Dr Michael Grech u li bhala 'associate' fl-istess ufficju baqghet ghaddejha bil-kawzi tieghu, b'dan li r-rikorrenti appellata Dottor Georgine Grech tigi klassifikata bhala t-tieni avukat. Pjuttost l-appellanti jargumentaw li ma taghmilx differenza jekk intix it-tieni jew it-tielet avukat stante li d-dritt jibqa' dak ta' terz (1/3). Entrambi l-appellanti sabiex isahhu l-argument taghhom li d-dritt dovut huwa dak ta' terz (1/3) jikkwotaw estensivament mid-decizjoni fl-ismijiet l-Avukat Dottor William Cuschieri -vs- Direttur, Qrati Civili u Tribunali et.

Il-Qorti fliet bir-reqqa d-decizjoni msemmija fl-ismijiet l-Avukat Dottor William Cuschieri -vs- Direttur, Qrati Civili u Tribunali et. u tinnota li ghalkemm huwa minnu li l-Qorti tal-Appell iddecidiet li d-dritt ta' l-Avukat Dottor William Cuschieri kien dak ta' terz (1/3) dan kien rizultat tal-fatt li l-kawza kienet wahda ta' spoll fejn id-dritt huwa wiehed fiss intaxxat fuq punt ta' ligi b'dan li bhala dritt lit-tieni avukat dejjem ser jibqalu dak ta' terz (1/3). M'huwiex l-istess fil-kaz odjern, fejn ic-cirkostanzi huma ferm diversi stante li l-kawza li taghha qed jintalab id-dritt mir-rikorrenti appellata Dr Georgine Grech hija wahda li tigi ntaxxata *ad valorem* u cioe' fuq valur li jew jirrizulta mill-atti, jew jigi maqbul bejn il-partijiet. Difatti l-valur moghti meta giet intaxxata l-kawza l-ewwel darba kien dak ta' tmint elef lira tal-munita l-antika (Lm8,000), filwaqt li l-valur li gie moghti fil-kaz tal-appellata huwa dak ta' tliet mitt elf ewro (€300,000) (valur li gie maqbul waqt is-seduta tat-8 ta' Jannar, 2019). Jikkonsegwi li l-mod li ghandu jigi mahdum id-dritt dovut huwa kif indikat fil-paragrafu 34 tal-Iskeda E tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u cioe' '…id-differenza bejn id-dritt sħiħ u d-dritt intaxxat mill-ewwel Avukat.'.

Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellanti li dejjem u f'kull kaz id-dritt ghandu jkun dak ta' terz (1/3) kemm lit-tieni avukat u dawk sussegwenti. Dan jinghad peress li l-ligi taghmel distinzjoni cara bejn dak li huwa dovut lill-ewwel avukat, dak dovut lit-tieni avukat u dak dovut lill-avukati li jigu wara t-tieni avukat. Li kieku l-ligi ma riditx taghmel din id-distinzjoni fl-Artikolu 34 tal-Iskeda E, tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma kienx jiddistingwi bejn it-tieni avukat u dawk l-avukati li jigu sussegwentement. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad dan it-tielet aggravju tal-appellanti u tistabilixxi d-dritt li ghandu jigi ntaxxat lir-rikorrenti appellata bhala dak tad-differenza bejn id-dritt shih u d-dritt intaxxat favur lill-ewwel avukat.

**<u>Decizjoni:</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' w' tiddeċiedi dan l-appell billi tilqa' parzjalment l-appell tal-appellanti kif isegwi:

i. tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-Ġurisdizzjoni Inferjuri fl-ismijiet premessi datata 15 ta' Jannar, 2021;

ii. tilqa' l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellanti Saviour u Antonia konjuġi Portelli fil-kwalita' tagħhom ta' kuraturi tal-inabilitata Rosalinda Portelli et u t-tieni aggravju tal-appellanti Reġistratur tal-Qrati u Tribunali ta' Għawdex u tirrevoka, tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata f'dik il-parti fejn laqgħet l-ewwel talba tar-rikorrenti appellata Dr Georgine Grech u tiċħad it-tielet aggravju tal-appellanti Saviour u Antonia konjuġi Portelli fil-kwalita' tagħhom ta' kuraturi tal-inabilitata Rosalinda Portelli u tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti appellata billi tiddikjara li d-drittijiet dovuti lir-rikorrenti appellata għandhom jiġu ntaxxati abbażi tad-**differenza** bejn id-dritt sħiħ kalkolat fuq il-valur maqbul ta' tliet mitt elf Euro (€300,000) u d-dritt intaxxat a favur l-ewwel Avukat Dr. Anton Refalo (taxxa datata 7 ta' Ottubru, 1993). Tordna għalhekk lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali ta' Għawdex sabiex joħroġ taxxa favur Dr. Georgine Grech kif hekk ordnat f'din id-deċiżjoni.

Stante li jirriżulta li dawn il-proċeduri huma konsegwenza ta' żbalji da parti tar-Reġistratur intimat, l-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri nklużi dawk tal-prim'istanza għandhom jiġu sopportati mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali ta' Għawdex.

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imħallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Reġistratur**

**Vera kopja**

**D/Reġistratur**